# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 22 ta' Settembru, 2015

**Talba Nru:** 234/15 DMA

**Strand Palace Agencies Limited**
**C 3838**

**Vs**

**Jamal Algasali**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 ta' Marzu, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet ammont bilancjali dovut ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici lill-konvenut.

Bl-ispejjez tal-presenti, tal-ittra interpellattorja tad-9 ta' Frar, 2015 u bl-imghax legali mit-18 ta' Settembru, 2013, data tal-konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tas-16 ta' Settembru, 2015 u qas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tas-16 ta' Settembru, 2015 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tlett mitt ewro (€300) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**